

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Medjazzjoni](#) > [Medjazzjoni Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Romania](#)

Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija

Rumanija



Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwim permezz tal-Medjazzjoni? Din hija forma ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja Rumani huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

Lil min għandek tikkuntattja?

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni, stabbilit bil-Liġi Nru. 192/2006 dwar il-medjazzjoni, huwa responsabbli mis-sorveljanza tal-medjazzjoni fir-Rumanija. Huwa entità legali awtonoma li jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Bukarest.

Il-Liġi Nru. 192/2006 tipprovdi l-qafas leġiżlattiv għall-introduzzjoni tal-medjazzjoni, li fi ħdanu topera l-professjoni tal-medjazzjoni.

Il-membri tal-Kunsill tal-Medjazzjoni jiġu eletti mill-medjaturi u jkunu approvati mill-[Ministeru tal-Ġustizzja tar-Rumanija](#).

Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-Kunsill tal-Medjazzjoni huma li jadotta deċiżjonijiet fl-oqsma li ġejjin:

- Jistabbilixxi standards għat-taħriġ fil-qasam tal-medjazzjoni, fuq il-bażi tal-aħjar Prattika Internazzjonali u jissorvelja l-konformità magħhom min-naħa tal-professjonisti;
- Joħroġ l-awtorizzazzjonijiet għall-medjaturi u jżomm u jaġġorna l-Lista tal-Medjaturi;
- Japprova l-kurrikula tat-taħriġ għall-medjaturi;
- Jadotta l-Kodiċi Etiku u Deontologiku għall-medjaturi awtorizzati, kif ukoll ir-regolamenti rigward ir-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom;
- Jadotta regolament dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill tal-Medjazzjoni;
- Jagħtu bidu għal proposti biex tkun emendata jew korelata l-leġiżlazzjoni dwar il-medjazzjoni.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) huma:

Indirizz: Cuza Vodă Street, 64, sector 4, Bucharest

Telefon: 004 021 315 25 28; 004 021 330 25 60; 004 021 330 25 61

Faks: 004 021 330 25 28

Indirizzi tal-posta elettronika (e-mail): secretariat@cmediere.ro , Consiliul_de_mediare@yahoo.com

Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet Professjonali tal-Medjaturi

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni stabbilixxa r-[Reġistru Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet Professjonali tal-Medjaturi](#). Dan ir-Reġistru jelenka l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwov u jirrapreżentaw l-interessi professjonali tal-medjaturi.

Din li ġejja hija lista ta' assoċjazzjonijiet professjonali attivi fis-servizzi tal-medjazzjoni:

- [I-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi ta' Bukarest](#) (Asociația Mediatorilor București)
- [iċ-Ċentru tal-Medjaturi ta' Turda](#) (Asociația Centrul de Mediere Turda)
- [I-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Medjaturi ta' Vaslui](#) (Asociația Camera Mediatorilor Vaslui)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Vaslui](#) (Centrul de Mediere Vaslui)
- [I-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi ta' Galati](#) (Asociația Mediatorilor Galați)
- [I-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Medjaturi ta' Iasi](#) (Asociația Camera Mediatorilor Iași)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni u ta' Sigurtà Komunitarja ta' Iasi](#) (Centrul de Mediere si Securitate Comunitara Iasi)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Craiova](#) (Centrul de Mediere Craiova)
- [I-Assoċjazzjoni taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Cluj](#) (Asociația Centrul de Mediere Cluj)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Neamt](#) (Centrul de Mediere Neamt)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Sibiu](#) (Centrul de Mediere Sibiu)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Constanta](#) (Centrul de Mediere Constanta)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Alba](#) (Centrul de Mediere Alba)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Timisoara](#) (Centrul de Mediere Timisoara)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni u ta' Arbitraġġ ta' Maramures](#) (Centrul de Mediere si Arbitraj Maramures)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Bacau](#) (Centrul de Mediere Bacau)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Călărași](#) (Centrul de Mediere Calarasi)
- [iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Ialomița](#) (Centrul de Mediere Ialomita)

Il-Bord tal-Medjaturi

Skont l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru. 192/2006, il-medjaturi awtorizzati huma rreġistrati fil-“Bord tal-Medjaturi” ġestit mill-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Rumun, Parti I.

Tista' ssib il-“Bord tal-Medjaturi” anki fis-sit elettroniċi uffiċjali tal-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) u tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#).

Il-lista ta' medjaturi awtorizzati tinkludi informazzjoni dwar:

- Is-sħubija tagħhom fl-assoċjazzjonijiet professjonali,
- L-istituzzjoni minn fejn iggradwaw,
- Il-programm ta' taħriġ tal-medjazzjoni li segwew,
- L-ilsna barranija li bihom jistgħu jmessu s-servizzi ta' medjazzjoni,
- Id-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

Il-persuni li jkunu interessati li jsovlu t-tilwima tagħhom permezz tal-medjazzjoni jistgħu jikkuntattjaw lil medjatur fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-“Bord (Lista) tal-Medjaturi” fl-uffiċċji tal-qrati u fis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni huwa legalment obligat li jaġġorna b'mod regolari – mill-inqas darba fis-sena – il-Bord (Lista) tal-Medjaturi, u li jikkomunika l-aġġornamenti lill-qrati, lill-awtoritajiet tal-gvernijiet lokali u lill-Ministeru tal-Ġustizzja.

F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

L-Artikolu 2 tal-Liġi Nru. 192/2006 jippermetti li l-partijiet jagħmlu użu mill-medjazzjoni f'tilwim relatat ma' kwistjonijiet ċivili jew penali, ma' kwistjonijiet familjari u ma' oqsma oħrajn tal-liġi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet legali. It-tilwim li jikkonċerna lill-konsumaturi, u tilwim ieħor suġġett għal drittijiet li jistgħu jiġu rrinunzjati, ukoll jista' jiġi solvut permezz tal-medjazzjoni. Madankollu, kwistjonijiet marbuta ma' drittijiet personali u ma' drittijiet li ma jistgħux jiġu rrinunzjati ma jistgħux ikunu suġġetti għal medjazzjoni.

Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

L-użu tal-medjazzjoni huwa volontarju. M'hemm l-ebda obbligu li l-partijiet ifittxu s-servizzi ta' medjazzjoni, u fi

kwalunkwe fażi jistgħu jagħżlu li ma jieħdux sehem fil-medjazzjoni. Fi kliem ieħor, fi kwalunkwe ħin il-partijiet huma liberi li jfittxu mezz oħrajn biex isolvu t-tilwima tagħhom, bħal proċedimenti f'qorti jew arbitraġġ. Il-partijiet interessati jistgħu jikkuntattjaw lil medjatur qabel ma jtilgħu l-qorti, imma anki waqt il-proċedimenti tal-qorti.

Madankollu, diversi dispożizzjonijiet legali nazzjonali fil-qasam tal-medjazzjoni jobbligaw lill-imħallfin, f'ċerti każijiet, jinformaw lill-partijiet bil-possibbiltà li jagħżlu l-medjazzjoni u l-vantaġġi li huma jagħmlu dan. F'każijiet oħrajn, jiġu offruti numru ta' inċentivi finanzjarji lill-partijiet li jagħżlu l-medjazzjoni jew proċedimenti oħrajn ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

Fis-17 ta' Frar 2007, il-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) approva l-Kodiċi Etiku u Deontoloġiku għall-medjaturi. Il-Kodiċi jorbot lill-medjaturi kollha inklużi fil-Bord tal-Medjaturi.

Informazzjoni u taħriġ

Is-sit elettroniku tal-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) huwa s-sors prinċipali ta' informazzjoni dwar il-medjazzjoni fir-Rumanija.

It-taħriġ dwar il-medjazzjoni huwa pprovdut biss mis-settur privat, imma l-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) għandu r-responsabbiltà li jagħti l-awtorizzazzjoni lill-fornituri tal-korsijiet tat-taħriġ sabiex ikun żgurat li l-korsijiet kollha joffru taħriġ tal-istess standard.

Fis-sit elettroniku uffiċjali tal-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#) hija inkluża anki lista ta' fornituri ta' programmi ta' taħriġ.

Il-korsijiet ta' taħriġ isiru b'mod regolari. Bħalissa hemm programm ta' taħriġ li jagħmilha ta' kors inizjali ta' taħriġ għall-medjaturi (80 siegħa). Il-programm jistabbilixxi għanijiet ta' taħriġ, ħiliet li għandhom jiġu żviluppanti sa tmiem il-programm u metodi ta' evalwazzjoni. It-tmien (8) fornituri awtorizzati mill-Kunsill tal-Medjazzjoni huma responsabbli mill-iżvilupp ta' materjal u ta' eżerċizzji ta' appoġġ skont il-qafas stabbilit mill-programm nazzjonali ta' taħriġ.

X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni mhix mingħajr ħlas; il-livell ta' ħlas huwa suġġett għal ftehim bejn medjatur privat u l-partijiet.

Bħalissa, l-awtoritajiet lokali jew nazzjonali ma jipprovdu l-ebda appoġġ legali jew finanzjarju sabiex ikunu pprovduti servizzi ta' medjazzjoni.

Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?

Id-[Direttiva 2008/52/KE](#) toħloq il-possibbiltà li wieħed jitlob li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni jkun jista' jiġi infurzat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw dan lill-Kummissjoni tal-qorti jew lill-awtoritajiet l-oħra li huma kompetenti biex jirċievu t-talbiet.

Ir-Rumanija għadha ma kkomunikatx din l-informazzjoni.

L-aħħar aġġornament: 10/06/2013

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.